5, Lion Street, Floriana FRN1514
Tel: (+356) 2590 6600
Tel: (+356) 2123 3933
Fax: (+356) 2124 6374
www.caritasmalta.org
info@caritasmalta.org

**Kunsill Caritas Malta**

**ASSEMBLEA ĠENERALI**

**Is-Sibt, 30 t'Ottubru 2010**

# MERĦBA

***minn Monsinjur Victor Grech***

Grazzi talli lqajtu l-istedina tal-Kunsill tal-Caritas għal din l-Assemblea Ġenerali bit-tema: "Il-Faqar u s-Sehem tal-Knisja Biex Jinqered il-Faqar."

Inkitbu diversi artikli; sar ħafna stħarriġ dwar "id-deprivazzjoni materjali"; ġie magħruf illi hemm qabża ġmielha bejn il-paga minima nazzjonali u l-baskett tal-oġġetti u servizzi essenzjali tal-ħajja; saru seminars u diskussjonijiet fuq il-mezzi tax-Xandir; ma naqsux l-istqarrijiet u l-proposti mill-Imseħbin Soċjali u l-Knisja, iżda nistgħu ngħidu illi sar titjib sostanzjali fil-qagħda ekonomika ta' persuni u familji illi qegħdin jgħixu taħt il-livell tal-għixien? Rajna xi ċaqliqiet pożittivi iżda mhux biżżejjed biex min hu taħt jieħu nifs ta' serħan.

**1.0** Nagħraf illi ħadd minna m'għandu l-bakketta maġika biex intejbu l-qagħda ekonomika ta' madwar 15% tal-popolazzjoni f'Malta. Iżda **nemmen illi jekk ikollna viżjoni komuni fejn irridu naslu, naħdmu aktar flimkien**, nedukaw il-familji biex iżommu stil ta' ħajja sostenibbli billi jagħrfu jieħdu deċiżjonijiet għaqlin fl-għażliet li jagħmlu, jiżdiedu l-impjegi bi dħul xieraq, u fuq kollox issir ri-distribuzzjoni tal-ġid u tikber il-kompettitività jista' fil-futur ġejjieni jiġi stabilit dħul minimu illi jiggarantixxi livell ta' ħajja dinjituża għal kull persuna. **U l-Knisja fejn tidħol?**

1.1 Il-Knisja f'Malta għandha storja twila ta' għajnuna u servizzi diretti ma' ħutna fil-bzonn f'pajjiżna u barra minn xtutna. Ma nistgħux ngħidu illi l-Knisja tat għajnuna assistenzjali biss. Hija għenet fl-iżvilupp integrali tal-persuna fiċ-Ċentri ta' Riabilitazzjoni u Istituzzjonijiet (oħra) għat-tfal żgħażagħ u adulti bi ħtiġijiet speċjali, iżda qed tinħass l-urġenza li niffokaw aktar fuq il-ħidma għall-ġustizzja billi jingħata orjentament lejn azzjoni pubblika, impenn politiku, ekonomiku u kollettiv biex ikunu indirizzati l-kawżi tal-faqar ekonomiku u l-esklużjoni soċjali (Sinodu Djoċesan).

1.2 **Il-Knisja f'Malta ma tistax taħbi l-wiċċ tal-faqar** għaliex il-Knisja bħala istituzzjoni, kif ukoll bħala poplu ta' Alla, trid tagħmel l-għażla preferenzjali tal-fqir. Hija tipparteċipa fl-isforz kollettiv sabiex is-servizzi bażiċi tal-ħarsien soċjali jitqiegħdu fuq bażi sostennibli, iżda l-ħidma tal-Knisja għall-ġustizzja trid tkun dejjem imsieħba b'inizjattivi ta' qadi konkret għal min hu fil-bżonn.

Ser nikkkwota mid-Dokument Djakonija u Ġustizzja tas-Sinodu Djoċesan: **"Id-Djakonija li għandha tkun meqjusa bħala parti ċentrali tal-ħidma ta' kull parroċċa, hija evanġelizzazjoni mmirata biex tilħaq lil kulħadd u mhux biss lin-nies qrib tagħna u minħabba illi s-servizz li tagħti l-Knisja huwa l-wiri ta' wiċċ Kristu l-Feddej, dan jitfa responsabbiltà fuq l-għażla u l-kwalità tas-servizzi li nagħtu, u kif jiġu identifikati l-prijoritajiet soċjali tal-ħidma ta' kull parroċċa."**
(*Dokument tas-Sinodu Djakonija u Ġustizzja, 24)*

2.1 "Dak li jiddistingwi s-Servizzi mogħtija mill-Knisja minn dawk mogħtija minn aġenziji oħrajn huwa illi fil-qadi dejjem għandhom jitħarsu dawn l-aspetti:

- **iċ-Ċentralità tal-persuna umana**, għaliex il-bniedem huwa fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni ta' Alla.

- **Is-Servizz ta' Kwalità** – b'opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għall-istaff kif ukoll strutturi amministrattivi adegwati. Minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, dan mhux dejjem jintlaħaq.

- **Servizz mogħti b'imħabba** nisranija u dedikazzjoni (*Dok: Djakonija u Ġustizzja, 25.)*

- **Sħubija fil-Knisja –** Jiġifieri kollaborazzjoni ma' Entijiet fil-Knisja u Entitajiet oħra biex jiġu evitati d-duplikazzjoni tas-servizzi.

- **Sħubija mal-Istat** fi proġetti illi fihom il-Knisja u l-Istat jagħmlu disponibbli r-riżorsi tagħhom.

**Nawgura lic-Chairpersons, lill-Kelliema fiż-żewġ Panels joħorġu bi proposti konkreti illi jwasslu għall-azzjoni flimkien.**

**Nistennew ukoll il-parteċipazzjoni ta' kulħadd.**

<><><><><>